

KONFERENZA DWAR L-ADEŻJONI  
MAL-UNJONI EWROPEA  
– REPUBBLIKA TAL-MOLDOVA –

Brussell, 12 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

AD 19/26

LIMITE

CONF-MD 2

**DOKUMENT TA' ADEŻJONI**

---

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UNJONI EWROPEA  
- Ġabra 1: Elementi fundamentali

---

**NEGOZJATI TAL-ADEŻJONI**

**Ir-Repubblika tal-Moldova**

**POŻIZZJONI KOMUNI TAL-UE**

(b'segwitu għall-Pożizzjoni ta' Negozjar tal-Moldova AD 17/26 CONF-MD 1)

---

**Ġabra ta' negozjati: 1**

**Elementi fundamentali**

**Inkluż il-Funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi, ir-Riforma tal-amministrazzjoni pubblika, il-Kapitoli 23 - Ġudikatura u drittijiet fundamentali, 24 - Ġustizzja, libertà u sigurtà, Kriterji ekonomiċi, il-Kapitoli 5 - Akkwist pubbliku, 18 - Statistika, 32 - Kontroll finanzjarju**

---

Din il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-pożizzjoni ġenerali tagħha għall-Konferenza mal-Moldova dwar l-adeżjoni (AD 11/24 CONF-MD 2), u hija soġġetta għall-prinċipji ta' negozjar approvati fiha, b'mod partikolari:

- kwalunkwe fehma espressa mill-Moldova jew mill-UE dwar kapitolu speċifiku tan-negozjati bl-ebda mod mhija ser tippreġudika l-pożizzjoni li tista' tittieħed dwar kapitolu oħrajn;
- ftehimiet li jintlaħqu matul in-negozjati dwar kapitolu speċifiċi, anki dawk parzjali, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala finali qabel ma jkun intlaħaq ftehim ġenerali għall-kapitolu kollha;
- kif ukoll għar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 5, 11, 12, 32, 37, 38, 39, 40, 41, 42, 43, 44, 45, 49 u 51 tal-Qafas ta' Negozjar.

L-UE tteġġeg lill-Moldova tkompli bil-proċess ta' allinjament mal-acquis tal-UE u bl-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tiegħu, u b'mod ġenerali tiżviluppa diġà qabel l-adeżjoni, politiki u strumenti li jkunu kemm jista' jkun qrib dawk tal-UE.

L-UE tinnota li l-Moldova, fil-pożizzjoni tagħha (AD 17/26 CONF-MD 1) taċċetta l-acquis tal-UE taħt il-Ġabra 1 kif daħal fis-seħħ fit-3 ta' Ġunju 2026 u li hija ser tkun lesta li timplimentah sad-data tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea.

## 1. Funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi

L-UE tinnota li l-Moldova stabbiliet fl-ordni kostituzzjonali tagħha, il-pedamenti ta' **stat demokratiku** u ssegwi l-konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet demokratiċi tagħha. L-UE tqis li l-qafas legali u istituzzjonali jwassal għall-organizzazzjoni ta' elezzjonijiet demokratiċi. L-UE tistieden lill-Moldova tindirizza r-rakkomandazzjonijiet pendenti tal-OSKE/ODIHR, u tkompli tallinja ruħha mal-leġiżlazzjoni tal-UE u mal-istandards internazzjonali u Ewropej. L-oqsma ewlenin għat-titjib jinkludu l-leġiżlazzjoni dwar ir-reklamar politiku u l-media matul il-kampanji elettorali, b'mod partikolari l-qafas legali u l-mekkaniżmi ta' sorveljanza għall-media online, u l-protezzjoni tal-ġurnalisti kontra intimidazzjoni u attakki. L-UE tiegħu nota li t-titjib reċenti fil-finanzjament tal-partiti politiċi u tal-kampanji tejjeb it-trasparenza ġenerali. Huma meħtieġa aktar sforzi, inkluż tisħiħ tal-kapaċità u r-riżorsi tal-Kumitat Elettorali Ċentrali. L-UE tinnota l-pjanijiet tal-Moldova biex issaħħaħ ir-reżiljenza tal-elezzjonijiet tagħha kontra l-interferenza barranija b'enfasi fuq il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u r-regolamentazzjoni tal-finanzjament tal-kampanji.

L-UE tinnota li r-rwol tal-**parlament** tal-Moldova ssaħħaħ. L-UE tissottolinja li huma meħtieġa aktar sforzi biex jiżdiedu t-trasparenza, l-irfigħ ta' responsabbiltà, l-integrità, u l-effettività ġenerali. Dan jinkludi t-titjib tar-rekord tas-sorveljanza parlamentari ta' istituzzjonijiet indipendenti u l-iżgurar tal-pubblikazzjoni f'waqtha u komprensiva tal-attivitajiet u d-deċiżjonijiet parlamentari, kif ukoll abbozzi ta' liġijiet u dokumenti ta' akkumpanjament. L-adozzjoni tal-Kodiċi dwar l-organizzazzjoni u l-operat tal-Parlament kif ukoll ir-regolamenti dwar l-etika ser ikomplu jtejb u l-funzjonament effettiv tal-Parlament u l-integrità tal-membri tiegħu.

L-UE tissottolinja li b'mod ġenerali, il-qafas legali, regolatorju u istituzzjonali għall-**organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili** huwa stabbilit. L-UE tinnota l-pjanijiet tal-Moldova biex tiżgura l-protezzjoni effettiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz tal-allinjament mal-acquis tal-UE dwar kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPP). L-UE tissottolinja l-importanza li jsiru sforzi kontinwi biex jittejbu aktar il-kwalità u t-trasparenza tal-proċessi ta' konsultazzjoni pubblika, biex dawn isiru aktar sistematiki u sinifikanti.

## **2. Riforma fl-amministrazzjoni pubblika**

L-UE tinnota li l-Moldova hija parzjalment allinjata mal-istandards tal-UE fir-rigward tal-**qafas strateġiku** għar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. L-UE tistieden lill-Moldova ssaħħaħ il-qafas fis-seħħ f'termini ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ, rappurtar u rieżami, kif ukoll is-sostenibbiltà finanzjarja. L-UE tistieden ukoll lill-Moldova taġġorna l-istrateġija tagħha fid-dawl tal-aħħar valutazzjoni tal-PAR mill-OECD/SIGMA u l-adozzjoni tal-Pjan ta' Tkabbir għall-Moldova, ferm qabel ir-rieżami ta' nofs it-terminu previst bħalissa.

L-UE tinnota li l-Moldova hija parzjalment allinjata mal-istandards tal-UE **fl-iżvilupp u l-koordinazzjoni tal-politika**. L-UE tinnota wkoll li l-isfidi ewlenin jikkonċernaw l-integrazzjoni tat-tfassil ta' politika relatata mal-adeżjoni għall-UE fl-ippjanar tal-gvern ġenerali, id-diviżjoni ċara tal-kompiti dwar dan bejn il-Gvern Ċentrali u l-Ministeri u l-bini tal-kapaċità tal-Ministeri biex jissorveljaw b'mod sistematiku l-implimentazzjoni tal-politiki u japplikaw konsultazzjonijiet regolari u approċċ ibbażat fuq evidenza fil-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Biex jittaffew ir-riskji assoċjati mat-traspożizzjoni rapida u mifruxa tad-dritt tal-UE, l-UE tistieden lill-Moldova taġġmel sforzi biex tissorvelja b'mod sistematiku l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni adottata reċentement u tiżgura li l-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u l-fiduċja tal-partijiet ikkonċernati ma tiddgħajjfx.

L-UE tinnota li l-Moldova hija parzjalment allinjata mal-istandards tal-UE fil-qasam tal-**ġestjoni tar-riżorsi umani fis-servizz pubbliku**. L-UE tissottolinja li l-arkitettura ġenerali għal reklutaġġ u progressjoni tal-karriera bbażati fuq il-mertu, trasparenti u kompetittivi teħtieġ tissaħħaħ. L-UE tissottolinja wkoll li r-riforma regulatorja ewlenija teħtieġ tiffoka fuq klassifikazzjoni robusta ta' karigi fis-servizz ċivili, u frammentazzjoni mnaqqsa tal-qafas legali applikabbli għall-aġenziji u l-korpi pubbliċi. Ir-responsabbiltajiet tal-impjegati taċ-ċivil fl-ogħla grad fil-proċessi tal-ġestjoni tar-riżorsi umani jeħtieġu jiġu definiti u kkonsolidati b'mod ċar, filwaqt li jiġi żgurat li r-reklutaġġi, il-promozzjonijiet, it-trasferimenti u s-sensji jitwettqu b'mod trasparenti, oġġettiv u bbażat fuq il-mertu, u li tiġi stabbilita struttura stabbli, konsolidata u trasparenti tal-iskala tas-salarji biex tappoġġa dawn il-proċessi.

L-UE tinnota li l-Moldova għandha livell baxx ta' allinjament mal-istandards tal-UE fil-qasam tal-**organizzazzjoni u l-irfiġh tar-responsabbiltà**. L-UE tistieden lill-Moldova tikkonsolida l-implimentazzjoni biex tiżgura li l-istituzzjonijiet pubbliċi jerfgħu r-responsabbiltà vis-à-vis l-istituzzjonijiet ta' sorveljanza indipendenti, kif ukoll l-ilmentaturi individwali. L-UE tinnota li l-Moldova bħalissa mhijiex allinjata mal-leġiżlazzjoni tal-UE li tindirizza l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' governanza u l-forniment transfruntier ta' servizzi diġitali u hija parzjalment allinjata mal-istandards tal-UE fil-qasam tal-**għoti ta' servizzi**. L-UE tissottolinja li l-effettività ġenerali tal-Gvern elettroniku teħtieġ tittejjeb, b'mod partikolari minħabba s-sehem baxx ta' utenti attivi fil-popolazzjoni. L-UE tissottolinja wkoll li huwa importanti li wieħed ikompli jibni fuq il-progress inizjali fl-għoti ta' servizzi pubbliċi orjentat lejn l-utent permezz tas-sistema ta' "punti uniċi ta' servizz" fil-Moldova, b'mod partikolari permezz ta' ġestjoni tajba tal-kwalità biex tiġi żgurata kwalità għolja fl-għoti ta' servizzi fil-pajjiż kollu. L-UE tinnota li l-Qafas Ewropew għall-Interoperabbiltà huwa parzjalment allinjat mal-istandards tal-UE dwar is-sistema ta' ġestjoni finanzjarja pubblika, b'qafas legali u istituzzjonali stabbilit sew fis-seħħ.

L-UE tinnota li l-Moldova hija parzjalment allinjata mal-istandards tal-UE fil-**ġestjoni tal-finanzi pubbliċi** u għandha fis-seħħ qafas legali u istituzzjonali stabbilit sew għall-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi. L-UE tistieden lill-Moldova tiżgura l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħha fil-prattika u ssaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha sabiex tiżgura użu trasparenti u effettiv tal-fondi pubbliċi. L-UE tissottolinja l-importanza li l-Moldova ssaħħaħ il-qafas baġitarju tagħha għall-perjodu medju bi tbbassir finanzjarju kredibbli u żżid il-kapaċitajiet istituzzjonali għall-monitoraġġ effettiv tar-riskji fiskali. L-UE tistieden lill-Moldova ttejjeb il-ġestjoni tal-investment pubbliku tagħha f'konformità mal-approċċ ta' riżerva unika ta' proġetti. L-UE tistieden lill-Moldova ssaħħaħ il-kapaċità tar-riżorsi umani tal-amministrazzjoni tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tagħha biex tiżgura l-effiċjenza tal-iżborż tal-finanzjament tal-UE u biex iżżid id-dħul fiskali tal-Moldova. L-UE ttejjeb lill-Moldova ssaħħaħ it-trasparenza u s-sorveljanza tal-proċess baġitarju, b'mod partikolari billi tiżgura d-disponibbiltà pubblika f'waqtha u regolari ta' data fiskali għas-sottosetturi kollha tal-amministrazzjoni pubblika f'konformità mar-rekwiżiti tal-ESA 2010. L-UE ttejjeb lill-Moldova tistabbilixxi istituzzjoni fiskali indipendenti sabiex issaħħaħ u tissorvelja l-kredibbiltà tal-politiki fiskali fil-pajjiż.

### **3. Kapitolu 23 - Ġudikatura u drittijiet fundamentali**

L-UE tissottolinja li l-qafas leġiżlattiv u istituzzjonali tal-Moldova huwa allinjat parzjalment mal-acquis tal-UE u mal-istandards Ewropej dwar il-**funzjonament tal-ġudikatura**. L-UE tilqa' l-proċessi ta' skrutinju ambizzjużi li għaddejjin għall-ogħla pożizzjonijiet tal-imħallfin u l-prosekuturi, bl-għan li jissaħħu **l-indipendenza**, l-imparzjalità, l-irfiġħ ta' responsabbiltà, l-effiċjenza u l-professjonaliżmu tas-sistema ġudizzjarja. Il-Moldova għandha tkompli tagħmel progress sinifikanti f'dan ir-rigward b'finanzjament kontinwat mill-UE.

L-UE tinnota li l-Moldova għandha qafas legali u istituzzjonali li jiżgura regolamentazzjoni robusta tal-**irfigħ ta' responsabbiltà**, filwaqt li hemm bżonn aktar titjib biex id-dispożizzjonijiet dixxiplinari jiġu armonizzati fil-ġudikatura kollha u tiġi żgurata l-implimentazzjoni tagħhom. L-UE tissottolinja li l-Moldova għandha tkompli tagħmel progress u turi rekord solidu sostnut tal-irfigħ tar-responsabbiltà u integrità fis-sistema ġudizzjarja fil-livelli kollha. L-UE tistieden lill-Moldova tkompli ssaħħa il-kapaċità, il-kwalità, it-trasparenza u l-effiċjenza tal-korpi awtonomi, il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (SCM) u l-Kunsill Superjuri tal-Prosekuturi (SCP) u l-bordijiet speċjalizzati tagħhom. Il-proċess konsistenti trasparenti, indipendenti, kompetittivi u bbażat fuq il-mertu għall-ħatra ta' membri verifikati ta' korpi ġudizzjarji u tal-prosekuzzjoni ewlenin irid jiġi żgurat. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li l-Moldova ttejjeb l-awtonomija proċedurali tal-prosekuturi inkluż billi tiżgura mekkaniżmu ta' appell effiċjenti kontra struzzjonijiet u riassenjazzjonijiet ġerarkiċi, u ssaħħa is-sistema aleatorja tal-allokkazzjoni tal-kawżi tal-imħallfin u l-prosekuturi f'konformità mal-istandards Ewropej. L-UE tinnota b'sodisfazzjon li l-Moldova aġġornat reċentement il-qafas legali tal-proċeduri kostituzzjonali u tistieden lill-Moldova tiżgura l-implimentazzjoni tiegħu f'konformità mal-istandards Ewropej.

Il-bidliet fil-qafas legali u istituzzjonali saħħew il-**kwalità** tas-sistema ġudizzjarja u l-UE tissottolinja li l-aċċessibbiltà, il-kwalità u t-twettiq effiċjenti tal-ġustizzja jeħtieġ li jiġu żgurati b'mod konsistenti. L-UE tistieden lill-Moldova timla l-pożizzjonijiet vakanti u tiżviluppa strateġiji ta' riżorsi umani għall-ġudikatura li jinkludu riforma komprensiva tas-salarji. Hu mistenni li jiġu implimentati l-mapep ġudizzjarji u tal-prosekuzzjoni, isir progress fid-diġitalizzazzjoni u jittejjeb il-funzjonament tal-Istitut Nazzjonali tal-Ġustizzja, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-rieżami bejn il-pari tat-TAIEX. Dwar l-**effiċjenza**, il-Moldova għandha tnaqqas it-tul tal-proċedimenti ġudizzjarji, ittejjeb ir-rati tal-ġheluq tal-kawżi, tnaqqas il-każijiet pendenti u tippromwovi l-użu ta' mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni ta' tilwim.

L-UE tinnota li l-qafas leġislattiv u istituzzjonali tal-Moldova dwar **il-ġlieda kontra l-korruzzjoni** huwa parzjalment allinjat mal-acquis tal-UE. Il-Moldova għandha tiżgura kapaċitajiet istituzzjonali suffiċjenti fl-istituzzjonijiet speċjalizzati kontra l-korruzzjoni u istituzzjonijiet rilevanti oħra responsabbli għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, issaħħaħ l-indipendenza tagħhom u l-kooperazzjoni interistituzzjonali tagħhom. L-UE tinnota l-pjanijiet tal-Moldova biex tkompli ssaħħaħ is-sistemi ġudizzjarji u ta' prosekuzzjoni kontra l-korruzzjoni f'konformità mal-istandards tal-UE, inkluż billi tistabbilixxi bordijiet speċjalizzati kontra l-korruzzjoni. L-UE tissottolinja li l-Moldova għandha bżonn tagħmel aktar progress biex tistabbilixxi rekord solidu ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni finali kontra l-korruzzjoni, b'mod partikolari f'każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli. Barra minn hekk, il-Moldova għandha turi Prattika kredibbli u konsistenti tat-tnedija ta' investigazzjonijiet finanzjarji paralleli, inkluż is-sekwestru u l-konfiska finali tal-assi. Rigward l-implimentazzjoni, il-Moldova teħtieġ tagħmel aktar progress fl-indirizzar tal-impunità u dwar id-deoligarkizzazzjoni. L-UE tistieden lill-Moldova tkompli ssaħħaħ il-koordinazzjoni u l-effiċjenza tal-qafas għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni, inkluż billi tindirizza b'mod sistematiku u effettiv ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Stati Kontra l-Korruzzjoni (GRECO) tal-Kunsill tal-Ewropa, l-OSKE/ODIHR u l-OECD, filwaqt li tiżgura aktar allinjament mal-acquis tal-UE fl-oqsma tal-protezzjoni tal-informaturi u ssaħħaħ is-sistema tad-dikjarazzjoni tal-assi. L-UE tistieden ukoll lill-Moldova timplimenta kontinwament il-qafas ta' politika kontra l-korruzzjoni, li jinkludi l-integrazzjoni tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, valutazzjonijiet iddedikati u miżuri tanġibbli speċifiċi għall-kuntest li għandhom l-għan li jindirizzaw il-korruzzjoni fis-setturi l-aktar vulnerabbli bħall-akkwist pubbliku, l-intrapriżi tal-istat, id-dwana u t-tassazzjoni, il-ġustizzja u l-infurzar tal-liġi, u l-infrastrutturi.

L-UE tinnota li l-qafas legali u istituzzjonali tal-Moldova huwa parzjalment allinjat mal-acquis tal-UE u mal-istandards Ewropej dwar id-**drittijiet fundamentali** u tissottolinja li l-implimentazzjoni jeħtieġ tissaħħaħ biex tiggarantixxi li kulħadd igawdi d-drittijiet fundamentali fil-prattika, inkluż billi tiżdied l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u jissaħħu l-kapaċitajiet tal-istituzzjonijiet indipendenti tad-drittijiet fundamentali, fosthom, biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem.

L-UE tinnota li fir-rigward tal-prevenzjoni tat-tortura u t-trattament inuman jew degradanti u s-**sistema tal-ħabsijiet**, il-qafas legali u istituzzjonali huwa ġeneralment stabbilit, iżda ċerti aspetti ma jikkonformawx mal-istandards Ewropej f'dan il-qasam. L-UE tinnota l-impenn tal-Moldova li tkompli ttejjeb il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni. L-UE tissottolinja li huma meħtieġa sforzi biex jiġu implimentati s-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan il-qasam u biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura billi jiġu indirizzati l-popolazzjonijiet eċċessivi fil-ħabsijiet, is-servizzi mediċi inadegwati, il-kundizzjonijiet tal-ġhajxien prekarji, il-vjolenza bejn il-priġunieri, u s-sistema ġerarkika informali fost il-ħabsin.

L-UE tinnota li fir-rigward tal-**protezzjoni tad-data personali**, il-qafas legali tal-Moldova huwa fil-biċċa l-kbira allinjat mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Għad hemm bżonn sforzi biex il-qafas legali jiġi allinjat bis-sħiħ mad-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi u biex jissaħħu l-kapaċitajiet taċ-Ċentru Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data.

L-UE tinnota li fir-rigward tal-**libertà tal-espressjoni**, il-qafas legali u istituzzjonali tal-Moldova huwa żgurat, iżda l-qafas legali u istituzzjonali dwar il-media jirrikjedi aktar allinjament mal-acquis tal-UE u mal-istandards Ewropej. L-UE tinnota l-pjanijiet tal-Moldova li tallinja l-leġiżlazzjoni tagħha mad-Direttiva tal-UE u r-Rakkomandazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-użu ta' kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs) u li tkompli bl-isforzi biex tallinja ruħha mad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva 2018 u mal-Att Ewropew dwar il-Libertà tal-Media u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali. L-UE tissottolinja li t-trasparenza tal-mekkaniżmu għas-sospensjoni tal-liċenzji tal-media stabbiliti skont l-emendi tal-Liġi dwar l-Investment Strateġiku għandha tittejjeb u tinġieb f'konformità mal-istandards tal-UE u dawk internazzjonali. L-UE tissottolinja wkoll li l-Moldova għandha tkompli bl-isforzi tagħha biex issaħħaħ il-kapaċità tal-Kunsill Awdjoviżiv u s-sostenibbiltà u l-indipendenza ekonomika u finanzjarja tax-xandar tas-servizz pubbliku, kif ukoll iżżid it-trasparenza tas-sjieda tal-media u l-effettività operazzjonali taċ-Ċentru għall-Komunikazzjoni Strateġika u l-Ġlieda kontra d-Diżinformazzjoni. L-UE tissottolinja li l-Moldova għandha tiżgura l-protezzjoni tal-ġurnalisti kontra kull forma ta' intimidazzjoni u tipprevedi infurzar tal-liġi effiċjenti u effettivi u segwitu ġudizzjarju tal-każijiet ta' vjolenza, intimidazzjoni u fastidju kontra l-ġurnalisti. L-UE tistieden lill-Moldova tkompli ssaħħaħ id-drittijiet għal-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' assemblea f'konformità mal-istandards tal-UE u dawk Ewropej.

Fir-rigward tal-**ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni** fejn il-Moldova kisbet allinjament parzjali mal-acquis tal-UE, l-UE tinnota l-pjanijiet tal-Moldova li tallinja ruħha mad-Direttivi tal-UE dwar l-istandards minimi għall-korpi tal-ugwaljanza. L-UE tenfasizza l-importanza li jiġi żgurat allinjament sħiħ mal-acquis tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika. L-UE tirrakkomanda wkoll it-titjib tal-koordinazzjoni interistituzzjonali dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, inkluż fir-rigward tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri. L-UE tinnota l-pjanijiet tal-Moldova li tespandi u ttejjeb is-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati għall-vittmi tal-vjolenza, filwaqt li tenfasizza l-importanza li jiġu żgurati d-disponibbiltà u s-sostenibbiltà konsistenti tagħhom. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li l-liġi nazzjonali tiġi allinjata mal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni. L-UE tissottolinja wkoll il-ħtieġa li tittejjeb l-implimentazzjoni tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni u l-kapaċità ta' infurzar tal-Kunsill tal-Ugwaljanza. Il-Moldova hija mħeġġa tiżgura l-ġbir ta' data dwar id-diskriminazzjoni diżaggregata skont il-preġudizzju u t-tip ta' reat, inkluż li tkopri l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru. L-UE tinnota l-pjanijiet tal-Moldova li timplimenta sistema standardizzata għall-ġbir u l-analiżi ta' data dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, f'konformità mal-metodoloġija tal-UE. L-UE tistieden lill-Moldova tindirizza l-lakuni fl-allinjament mad-Deċiżjoni Qafas dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razzizzmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali.

Dwar id-drittijiet tal-**persuni b'diżabbiltà**, l-UE tinnota l-pjanijiet tal-Moldova li tallinja mal-acquis tal-UE, inkluż dwar l-aċċessibbiltà. L-UE tissottolinja li huma meħtieġa sforzi biex jiġu implimentati l-istandards Ewropej u internazzjonali f'dan il-qasam, inkluż il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, b'mod partikolari biex tiġi indirizzata d-diskriminazzjoni, jitrawmu d-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, id-disponibbiltà ta' servizzi pubbliċi u servizzi bbażati fil-komunità, tiżdied id-deistituzzjonalizzazzjoni, jiġu promossi l-aċċess għall-edukazzjoni u l-impjiegi u jkun hemm tranżizzjoni għal sistema ta' valutazzjoni tad-diżabbiltà bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem.

L-UE tistieden lill-Moldova żżomm u ssaħħaħ il-protezzjoni tad-**drittijiet tat-tfal** billi tallinja aktar mal-acquis tal-UE u mal-istandards Ewropej rilevanti dwar ġustizzja adattata għat-tfal, u tiżgura sistema integrata għall-protezzjoni tat-tfal. L-UE tinnota l-importanza li l-Moldova tagħmel progress deċiżiv fir-rigward tad-deistituzzjonalizzazzjoni tat-tfal barra mill-kura tal-ġenituri u t-tfal b'diżabbiltà, it-titjib tas-servizzi bbażati fil-komunità u dawk ibbażati fil-familja għat-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, u biex tiżgura d-disponibbiltà ta' data ta' kwalità, affidabbli, diżaggregata, u aġġornata dwar it-tfal f'kuntatt mal-liġi, u t-tfal fl-istituzzjonijiet. L-UE tinnota l-pjanijiet tal-Moldova li żżid l-għadd ta' speċjalisti lokali għall-protezzjoni tat-tfal fil-pajjiż kollu u li tipprovdi taħriġ speċjalizzat għall-persunal li jkun f'kuntatt mat-tfal.

L-UE tinnota li huma meħtieġa aktar sforzi biex ikun hemm allinjament mal-acquis tal-UE dwar id-drittijiet proċedurali għall-persuni suspettati u dawk akkużati f' proċedimenti kriminali u d-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità, inkluż id-drittijiet tat-tfal. B'mod partikolari, il-Moldova għandha ssaħħaħ il-kunċett tal-protezzjoni minn vittimizazzjoni sekondarja u ripetuta lil hinn mill-vittmi ta' ċerti tipi ta' kriminalità. L-UE tieħu nota tal-pjanijiet tal-Moldova li tistabilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ, il-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità u l-kumpens għall-vittmi tal-kriminalità.

L-UE tinnota li l-qafas leġiżlattiv tal-Moldova jissalvagwarda d-**drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi** u tissottolinja l-ħtieġa li tingħata attenzjoni kontinwa għad-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. L-UE tinnota l-pjanijiet tal-Moldova li tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb id-disponibbiltà u l-kwalità tat-tagħlim bir-Rumen u tal-lingwa Rumena fl-educazzjoni pubblika u fil-promozzjoni tal-lingwi ta' minoranza nazzjonali.

L-UE tissottolinja li jeħtieġ li l-Moldova tiżgura allinjament sħiħ tal-qafas leġiżlattiv tagħha mal-acquis tal-UE biex tiżgura t-tgawdija sħiħa tad-**drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE** mal-adeżjoni.

#### 4. Kapitolu 24 - Ġustizzja, libertà u sigurtà

L-UE tissottolinja li l-qafas legali tal-Moldova dwar il-**għieda kontra l-kriminalità serja u organizzata u l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi** huwa parzjalment allinjat mal-acquis tal-UE u tiegħu nota tal-passi meħuda mill-Moldova biex tallinja aktar mal-acquis tal-UE f'dan il-qasam. L-UE tinnota li l-qafas strateġiku tal-Moldova huwa allinjat mal-prijoritajiet strateġiċi tal-UE u li l-Moldova regolarment twettaq analiżijiet tat-theddid u valutazzjonijiet tar-riskju biex tappoġġa t-fassil ta' politika bbażat fuq evidenza. L-UE tistieden lill-Moldova ssaħħaħ l-isforzi ta' koordinazzjoni u monitoraġġ fl-implimentazzjoni ta' dawn l-oqfsa strateġiċi. L-UE tteġġegħ it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji tal-Moldova u l-Istati Membri tal-UE, is-CEPOL, il-Europol u l-Eurojust, kif ukoll it-tkomplija tal-involvement dejjem akbar tagħha fl-EMPACT. L-UE tissottolinja wkoll li huma meħtieġa aktar sforzi biex tiġi kkonsolidata d-dimozstrazzjoni ta' rekord solidu ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni finali fl-oqfsa kollha tal-kriminalità serja u organizzata, inkluż il-ħasil tal-flus, u tas-sekwestru u l-konfiska ta' assi f'dan il-kuntest. L-UE tinnota li r-rispons tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għall-kriminalità organizzata, b'mod partikolari l-investigazzjoni ta' networks kriminali ta' riskju għoli, jeħtieġ ikun aktar proattiv u sistematiku. L-UE tenfasizza li l-Moldova għandha ssaħħaħ il-kapaċitajiet operazzjonali u analitiċi tagħha, inkluż fir-rigward tal-għarfien espert forensiku u l-pulizija mmexxija mill-intelligence, b'mod partikolari billi tiżviluppa ġbir, analiżi u disseminazzjoni effiċjenti tad-data ta' intelligence fl-oġhla standards. L-UE tissottolinja wkoll li l-Moldova għandha turi Prattika kredibbli u sistematika tat-tnedija ta' investigazzjonijiet finanzjarji meta tittratta l-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus, li twassal għal żieda fis-sekwestri u l-konfiska tal-assi u tiegħu nota tal-impenn tal-Moldova f'dan ir-rigward. L-UE tistieden lill-Moldova mhux biss biex iżżid l-użu tal-investigazzjonijiet finanzjarji iżda wkoll biex tiżviluppa l-kapaċità tagħha li tindirizza każijiet finanzjarji kumplessi. Il-Moldova għandha ssaħħaħ ukoll is-sistema ta' rkupru tal-assi tagħha, inkluż l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti bħall-uffiċċju nazzjonali għall-irkupru u l-ġestjoni tal-assi. L-UE tinnota li l-Moldova għandha tipprovdi riżorsi adegwati lill-istituzzjonijiet li jiġġieldu kontra l-kriminalità organizzata u ttejjeb il-koordinazzjoni interistituzzjonali fir-rigward tal-kxif tal-kriminalità u l-għieda kontriha.

L-UE tinnota li l-prosekuzzjoni tal-ħasil tal-flus awtonomu u l-awtoriċiklaġġ hija inkluża fil-leġislazzjoni tal-Moldova, iżda l-implimentazzjoni prattika għadha sfida. Ir-rekord tal-kundanni għandu jittejjeb b'mod sinifikanti. Il-Moldova għandha tiżgura li l-leġislazzjoni rilevanti dwar l-investigazzjoni u l-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus u dwar il-finanzjament tat-terroriżmu tkun allinjata mal-acquis tal-UE u ma' standards internazzjonali, bħal dawk tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja u Moneyval.

L-UE tistieden lill-Moldova tadotta l-leġislazzjoni u l-miżuri ta' implimentazzjoni kollha meħtieġa biex tallinja ruħha bis-sħiħ mal-acquis tal-UE fil-qasam ta' **ċiberkriminalità**, u taderixxi għat-tieni protokoll addizzjonali tal-Konvenzjoni ta' Budapest biex tiġġieled iċ-**ċiberkriminalità** b'mod effettiv. Il-Moldova għandha turi wkoll rekord solidu fir-rigward tal-prevenzjoni u t-trażżin ta' **ċiberkriminalità**, b'mod partikolari billi ssaħħaħ l-għodod u t-tagħmir tagħha għall-investigazzjoni ta' **ċiberkriminalità**, inkluż dwar il-forensika. Il-Moldova għandha wkoll tistituzzjonalizza l-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija ta' Ċibersigurtà u ċ-Ċentru għall-Ġlieda kontra ċ-**Ċiberkriminalità**.

L-UE tinnota l-pjan tal-Moldova li ssaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' **abbuż sesswali tat-tfal, inkluż online**, u li tallinja l-qafas regolatorju tagħha kompletament mal-acquis tal-UE f'dan il-qasam, u ssaħħaħ il-miżuri tal-protezzjoni tat-tfal. L-UE tistieden lill-Moldova tagħti attenzjoni partikolari lill-protezzjoni mill-abbuż sesswali tat-tfal online u offline u lill-prevenzjoni tiegħu (inkluż il-prevenzjoni ta' rivittimizzazzjoni), kif ukoll lill-indirizzar ta' din il-kwistjoni.

L-UE tinnota li l-Moldova kienet attiva ħafna fl-inizjattiva tal-EMPACT dwar l-armi tan-nar, li tat riżultati pożittivi fir-rigward tal-ġlieda kontra t-**traffikar tal-armi tan-nar**. L-UE tinnota wkoll li l-Moldova wettqet riformi istituzzjonali pożittivi bid-deżinjazzjoni ta' kummissjoni nazzjonali dwar armi ħfief u ta' kalibru żgħir u l-istabbiliment ta' Punti Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar u tistieden lill-Moldova taħdem lejn l-operazzjonalizzazzjoni tagħhom. L-UE tinnota wkoll il-pjan tal-Moldova li tadotta qafas strateġiku ddedikat, issaħħaħ il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jirrispondu għat-theddid tal-armi tan-nar, ittejjeb il-kapaċitajiet ta' analiżi forensika għal investigazzjonijiet relatati mal-armi tan-nar u ttejjeb is-sigurtà u s-sikurezza tal-ħażniet.

L-UE tissottolinja li l-Moldova hija pajjiż ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' destinazzjoni tat-**traffikar tal-bnedmin** u teħtieġ issaħħaħ il-miżuri tagħha kontra t-traffikar b'enfasi fuq l-identifikazzjoni bikrija ta' vittmi potenzjali u l-protezzjoni tal-vittmi, inkluż billi ssaħħaħ l-assistenza, l-għoti ta' kenn u l-miżuri tal-protezzjoni soċjali. L-UE tieħu nota tal-impenn tal-Moldova li ssaħħaħ il-kapaċitajiet istituzzjonali għall-protezzjoni tal-vittmi f'dan ir-rigward. L-UE tissottolinja li l-Moldova għad trid turi rekord solidu ta' investigazzjonijiet proattivi, prosekuzzjoni u kundanni finali f'dan il-qasam.

L-UE tinnota li l-qafas legali tal-Moldova huwa parzjalment allinjat mal-acquis tal-UE fil-kamp tad-droga u tistieden lill-Moldova tiżgura allinjament sħiħ. L-UE tissottolinja li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Moldova laħqu livell tajeb ta' **kooperazzjoni fil-kamp tad-droga** mal-kontropartijiet tagħhom fl-Istati Membri tal-UE, mal-Europol u mal-Aġenzija tal-UE dwar id-Drogi (EUDA). L-UE tinnota li l-Moldova għandha tkompli tiżviluppa l-għbir ta' data f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EUDA rigward l-indikaturi kollha relatati mad-drogi u tintensifika l-kooperazzjoni operazzjonali għall-ġlieda kontra t-traffikar tad-droga, inkluż fl-EMPACT u f'kooperazzjoni mal-Europol. L-UE tistieden lill-Moldova tadotta qafas strateġiku komprensiv fil-qasam tad-drogi, li jindirizza l-prevenzjoni u t-tnaqqis kemm fil-provvista kif ukoll fid-domanda, kif ukoll il-ħsarat relatati mad-droga. L-UE tinnota wkoll il-pjan tal-Moldova li toperazzjonalizza l-qafas istituzzjonali tagħha, b'mod partikolari billi ssaħħaħ l-Osservatorju Nazzjonali dwar id-Drogi u tistabilixxi sistema nazzjonali operazzjonali ta' twissija bikrija għall-iskambju ta' informazzjoni dwar sustanzi psikoattivi ġodda. L-UE tissottolinja li lil hinn mill-allinjament tal-qafas leġiżlattiv u strateġiku mal-acquis tal-UE, ser ikun kruċjali li l-Moldova turi rekord solidu ta' qbid ta' drogi, u ta' prosekuzzjonijiet u kundanni f'każijiet relatati mad-droga, kif ukoll ta' konfiska sistematika ta' assi kriminali u qerda rapida ta' drogi kkonfiskati. L-UE tistieden ukoll lill-Moldova biex iżżid il-kapaċità tagħha fuq il-forensika u tiżviluppa aktar il-kapaċitajiet tagħha fir-rigward tad-domanda għad-drogi.

L-UE tinnota li l-Moldova għandha qafas strateġiku, legali u istituzzjonali għall-**għieda kontra t-terroriżmu**, li jeħtieġ emendi sabiex ikun allinjat bis-siġħ mal-acquis tal-UE. L-UE tinnota li l-kooperazzjoni reġjonali u l-iskambju ta' informazzjoni sensittiva mal-Europol u l-Istati Membri jeħtieġ jiżdiedu. L-UE tistieden lill-Moldova tadotta qafas strateġiku ddedikat għall-għieda kontra t-terroriżmu, kif ukoll strateġija dwar il-prevenzjoni u l-għieda kontra r-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti. L-UE tinnota wkoll il-pjan tal-Moldova li tindirizza l-kontenut terroristiku online billi tallinja l-qafas legali tagħha mal-acquis tal-UE kif ukoll l-impenn tal-Moldova li tirregola l-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tal-prekursuri tal-isplussivi. L-UE tissottolinja li hija meħtieġa aktar ħidma fl-indirizzar tal-finanzjament tat-terroriżmu u l-ħasil tal-flus, inkluż billi jissaħħu l-kapaċitajiet tal-infurzar tal-liġi fl-investigazzjonijiet finanzjarji u l-ħasil tal-flus. L-UE tinnota li l-Moldova qed tiegħu l-impenn li **tiproteġi l-infrastruttura kritika u ssaħħa ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi tagħha** permezz, pereżempju, tal-adozzjoni ta' strateġija ta' reżiljenza, l-identifikazzjoni tal-entitajiet kritiċi tagħha, u l-istabbiliment tal-qafas istituzzjonali. Il-Moldova għandha twettaq ukoll valutazzjonijiet tar-riskju fis-setturi koperti minn dan l-acquis.

L-UE tinnota li l-Moldova għandha l-prinċipji bażiċi ta' **kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, ċivili u kummerċjali** minquxa fil-leġiżlazzjoni tagħha u li aderiet ma' bosta konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti, iżda tinnota li jeħtieġ aktar allinjament mal-acquis tal-UE b'mod partikolari fir-rigward tan-notifika ta' dokumenti u l-kumpilazzjoni ta' xhieda, il-medjazzjoni, il-kwistjonijiet tal-familja u s-suċċessjoni, l-insolvenza u l-għajnuna legali. L-UE tinnota l-pjan tal-Moldova li tirratifika diversi konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti li fadal fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja. L-UE tistieden ukoll lill-Moldova żżid il-kapaċità amministrattiva tagħha biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-UE dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, ċivili u kummerċjali u, fir-rigward tal-ewwel waħda, biex tiżgura l-kooperazzjoni effettiva mal-Eurojust, u mal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE). Il-Moldova hija mistiedna tibgħat Prosekutur ta' Kollegament fil-Eurojust u fil-kwartieri ġenerali tal-UPPE fuq bażi full-time.

L-UE tinnota li fir-rigward tal-**migrazzjoni**, il-Moldova qed issir dejjem aktar pajjiż ta' tranżitu u ta' destinazzjoni. L-UE tissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li jkun hemm stabbiliti mekkaniżmi ta' koordinazzjoni adatti bejn l-awtoritajiet involuti. L-UE tinnota l-pjan tal-Moldova li taġġorna l-pjan ta' kontinġenza tagħha għall-ġestjoni ta' flussi migratorji kbar u tistieden lill-Moldova talloka riżorsi xierqa. L-UE tinnota wkoll il-pjan tal-Moldova li tadotta l-emendi meħtieġa fil-qasam tal-migrazzjoni legali biex tallinja mal-acquis tal-UE fis-seħħ, pereżempju l-permess uniku għax-xogħol u r-residenza għal nazzjonali ta' pajjiżi terzi (inkluż ħaddiema staġġjonali), ma' ċerti dispożizzjonijiet dwar ir-riunifikazzjoni tal-familja u r-residenti fit-tul, ma' regoli dwar il-kundizzjonijiet għad-dħul u r-residenza għal ħaddiema bi kwalifiki għoljin permezz tal-Karta Blu tal-UE u għall-istudenti u r-riċerkaturi, u mar-regoli dwar il-ħaddiema bi trasferiment intraazzjendali. L-UE tinnota wkoll il-pjan tal-Moldova li tallinja mal-acquis rilevanti tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni irregolari. L-UE tissottolinja li l-kooperazzjoni tal-Moldova mal-Frontex hija tajba u tistieden lill-Moldova tapprofondixxi din il-kooperazzjoni. L-UE tieħu nota wkoll tan-negożjati li għaddejjin biex jiġi konkluż arranġament ta' ħidma ġdid mal-Frontex li jkopri l-mandat il-ġdid tagħha. L-UE tinnota wkoll l-isforzi sostanzjali tal-Moldova biex tibni sħubijiet operazzjonali mal-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari. L-UE tenfasizza l-ħtieġa li jiżiedu r-riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi b'mod ġenerali fil-qasam tal-migrazzjoni, b'mod partikolari biex il-migrazzjoni irregolari tiġi evitata u ttrattata aħjar. L-UE tistieden ukoll lill-Moldova ssaħħaħ il-kapaċitajiet tagħha biex tapplika proċeduri ta' ritorn f'konformità mal-acquis tal-UE.

L-UE tinnota li dwar l-**ażil**, ġew attivati miżuri taħt il-pjan ta' kontinġenza biex jiġi indirizzat l-influss massiv ta' persuni li jfittxu l-ażil li jaslu fil-Moldova fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Madankollu, l-UE tinnota li l-kapaċitajiet umani, finanzjarji, tekniċi u loġistiċi jeħtieġ li jissaħħu f'każ ta' żieda fl-għadd ta' persuni li jfittxu l-ażil, inkluż billi jiġu żgurati kundizzjonijiet ta' akkoljenza suffiċjenti. L-UE tistieden ukoll lill-Moldova tagħti attenzjoni partikolari lil persuni bi bżonnijiet speċjali, b'mod partikolari billi tirrevedi s-sistema nazzjonali tagħha għar-riferiment ta' persuni li jfittxu l-ażil u li jkollhom bżonnijiet speċjali u billi tipprovdihom assistenza u akkomodazzjoni adegwati. L-UE tieħu nota tal-pjan tal-Moldova li twettaq riforma komprensiva tas-sistema tal-ażil tagħha u li ttejjeb l-aċċess tal-persuni li jfittxu l-ażil għas-servizzi u l-programmi ta' integrazzjoni.

L-UE tinnota li l-**politika tal-Moldova dwar il-viżi** għadha mhijiex allinjata bis-sħiħ ma' dik tal-UE. L-UE tfakkar li għall-adeżjoni hija meħtieġa armonizzazzjoni sħiħa mal-politika tal-UE dwar il-viżi u tistieden lill-Moldova tieħu passi lejn allinjament gradwali. L-UE tistieden lill-Moldova, biex sakemm ikun hemm allinjament sħiħ mal-politika dwar il-viżi, twettaq skrinjar aktar rigoruż tal-wasliet mingħajr viża ta' nazzjonali ta' pajjiżi terzi, b'mod partikolari dawk minn pajjiżi li jippreżentaw riskji għas-sigurtà jew għall-migrazzjoni irregolari. L-UE tinnota li s-sistema ta' informazzjoni tal-Moldova ser teħtieġ adattamenti tekniċi addizzjonali biex tikkonforma mas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża u tieħu nota tal-pjan tal-Moldova li tiżviluppa Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni dwar il-Viża li tkun interoperabbli magħha u li jkun jista' jsir fl-istadju rilevanti wara l-adeżjoni. L-UE tistieden ukoll lill-Moldova tiżviluppa r-regoli, il-proċeduri u l-kapaċitajiet rilevanti għall-ġbir tal-marki tas-swaba' għall-fini tal-ħruġ ta' dokumenti bijometriċi tal-ivvjaġġar u ta' residenza u għall-iskambju ta' informazzjoni mal-Istati Membri.

Fir-rigward tal-**fruntieri ta' Schengen u dawk esterni**, l-UE tieħu nota tal-kooperazzjoni operazzjonali tajba u kontinwa mal-Frontex dwar is-sorveljanza tal-fruntieri inkluż l-organizzazzjoni ta' operazzjoni konġunta mill-Moldova u l-kooperazzjoni tagħha dwar it-taħriġ. L-UE tistieden lill-Moldova tkompli tiżviluppa din il-kooperazzjoni u tissottolinja l-ħtieġa li tindirizza r-rata tar-rotazzjoni għolja tal-uffiċjali tal-pulizija tal-fruntieri kif ukoll il-ħtieġa li ssaħħaħ l-infrastruttura u t-tagħmir. L-UE tfakkar li partijiet sostanzjali tal-acquis ta' Schengen, inkluż in-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni, ser ikunu soġġetti għall-issodisfar ta' rekwiżiti oġġettivi addizzjonali mill-Moldova li għandhom jiġu vverifikati taħt il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen. L-UE tieħu nota tal-impenn tal-Moldova li tadotta Pjan ta' Azzjoni ta' Schengen biex tfejji għas-sħubija fiż-żona Schengen.

Rigward il-**kontrafazzjoni tal-euro**, l-UE tissottolinja l-ħtieġa li jiġi stabbilit Uffiċċju Ċentrali Nazzjonali dwar il-kontrafazzjoni tal-munita u li jkun hemm aktar allinjament mal-acquis tal-UE. L-UE tilqa' l-fatt li l-Moldova ffinalizzat l-adeżjoni tagħha għall-Konvenzjoni ta' Ġinevra għas-Soppressjoni tal-Kontrafazzjoni tal-Munita f'Diċembru 2024.

## 5. Kriterji ekonomiċi

L-UE tinnota li l-Moldova hija impenjata li ssir **ekonomija tas-suq li tiffunzjona**. L-UE tissottolinja l-impenn tal-Moldova li ssegwi l-istabbiltà makroekonomika u r-riformi ekonomiċi kif ukoll finanzi pubbliċi sostenibbli. L-UE tinnota li l-livelli tad-dejn pubbliku huma sostenibbli, għalkemm il-Moldova kellha defiċits fiskali kbar matul il-kriżijiet reċenti. L-UE tistieden lill-Moldova tiżgura s-sostenibbiltà fiskali filwaqt li tibbilanċja l-investimenti pubbliċi, inkluż billi tapplika l-qafas il-ġdid tar-riżerva unika ta' proġetti, twessa' l-bażi tat-taxxa, u ttejjeb l-effiċjenza tal-infiq permezz ta' rieżamijiet tal-infiq. L-UE tissottolinja li minkejja sforzi u progress importanti f'dawn l-aħħar snin, għad hemm dgħufijiet strutturali ewlenin li qed ikomplu jillimitaw il-funzjonament effettiv tal-ekonomija tas-suq u jiskoraġġixxu lill-investituri lokali u barranin. Dan jinkludi: i) ambjent tan-negozju dgħajjef li huwa affettwat ukoll serjament mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna fil-viċinat, ii) livelli baxxi ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, iii) livell għoli ta' ekonomija informali, iv) dominanza ta' intrapriżi tal-istat f'xi setturi filwaqt li għad hemm pendenti passi importanti tar-riforma tal-SOE li għaddejjja bħalissa u v) żvilupp limitat tas-settur finanzjarju b'ostakli persistenti għall-aċċess għall-finanzi.

L-UE tinnota li l-Moldova qed tavrva fil-**kapaċità tagħha li tlaħħaq mal-pressjoni kompetittiva u l-forzi tas-suq** ġewwa l-Unjoni. L-UE tinnota li l-ekonomija tal-Moldova għadha tiddependi ħafna mis-settur agrikolu bi produttività baxxa minkejja bidla gradwali lejn servizzi. Dan jesponi l-ekonomija tagħha għal riskji għoljin relatati mat-tibdil fil-klima. L-UE tistieden lill-Moldova tkompli tiddiversifika l-ekonomija tagħha u ssaħħaħ ir-reżiljenza tagħha kontra t-tibdil fil-klima. L-UE tiegħu nota tal-integrazzjoni dejjem akbar tal-Moldova fis-suq tal-UE kemm f'termini ta' kummerċ kif ukoll ta' investiment dirett barrani u tirrakkomanda lill-Moldova tkompli tappoġġa l-integrazzjoni ta' ditti lokali fil-ktajjen tal-valur globali, b'mod partikolari permezz ta' esportazzjoni diversifikata u b'valur miżjud ogħla. L-UE tissottolinja li r-reżiljenza enerġetika tal-Moldova tgiebet b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, l-aktar minħabba investimenti kbar fl-infrastruttura tal-enerġija u l-integrazzjoni tas-suq tal-UE. Minkejja li għad fadal lakuni sinifikanti, l-UE tinnota li l-infrastruttura tat-trasport, id-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u l-kwalità tal-edukazzjoni tgiebu bil-mod. L-UE tissottolinja wkoll li l-investimenti fl-oqsma kollha tal-infrastruttura fiżika jeħtieġ jiżdiedu, bil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi tal-Pjan tat-Tkabbir tal-Moldova u bl-appoġġ ta' ġestjoni aħjar tal-investiment pubbliku u r-riformi tal-governanza. L-UE tistieden lill-Moldova ttejjeb il-produttività u l-progress teknoloġiku tagħha, li bħalissa huma mxekkla minn nuqqas ta' għarfien intraprenditorjali u teknoloġiku, livelli baxxi ta' investiment dirett barrani (IDB), nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet, u nfiq persistentement baxx fir-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni, billi ttejjeb il-kwalità u l-livelli tal-eżiti edukattivi mfaġġa għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xoġhol, tagħmel sforzi biex tappoġġa l-investimenti fir-riċerka kif ukoll it-trasferimenti ta' teknoloġija appoġġati mill-IDB.

L-UE tistieden lill-Moldova tindirizza b'mod sistematiku u bir-reqqa kemm ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika tal-UE li jinsabu fir-rapporti tal-Kummissjoni dwar il-pakkett tat-tkabbir u fil-gwida politika maqbula b'mod konġunt fil-kuntest tal-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju bejn l-UE u l-pajjiżi kandidati kif ukoll tal-impjenji skont il-Pjan ta' Tkabbir, li għandhom jgħinu lill-Moldova tissodisfa l-kriterji ekonomiċi.

## 6. Kapitolu 5 - Akkwist pubbliku

L-UE tinnota wkoll li s-sistema tal-akkwist pubbliku tal-Moldova hija parzjalment allinjata mal-acquis tal-UE. Filwaqt li hemm livell tajjeb ta' allinjament fil-qasam **tas-setturi klassiċi u tal-utilitajiet**, l-UE tistieden lill-Moldova tirreżamina l-leġiżlazzjoni tagħha f'dawn is-setturi fir-rigward tal-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, ir-raġunijiet għall-esklużjoni, il-kriterji għall-aġġudikazzjoni, il-kriterji għall-kwalifiki u għall-għażla tal-operaturi ekonomiċi, u l-akkwist ta' valur baxx biex tallinja bis-sħiħ mad-direttivi tal-UE dwar l-akkwist pubbliku. L-UE tinnota wkoll li fil-qasam tal-**konċessjonijiet u s-sħubijiet pubbliċi-privati (PPPs)**, il-Moldova hija parzjalment allinjata mal-acquis tal-UE u tissottolinja l-isforzi għal aktar allinjament tal-leġiżlazzjoni tagħha. Barra minn hekk, l-UE tistieden lill-Moldova tkompli bl-isforzi tagħha biex tistabilixxi leġiżlazzjoni koerenti f'dan il-qasam, u b'mod partikolari fl-adozzjoni ta' qafas legali msaħħaħ għall-PPPs. L-UE tinnota l-pjan tal-Moldova li tintroduċi leġiżlazzjoni komprensiva li tkopri l-qasam tal-**akkwist fil-qasam tad-difiża u s-sigurtà**.

L-UE tinnota t-tnejnija moderata tal-Moldova f'termini tal-**kapaċità ta' implimentazzjoni u infurzar** fl-akkwist pubbliku. L-UE tissottolinja l-importanza tat-trasparenza u l-integrità fl-operazzjonijiet tal-akkwist kif ukoll l-effiċjenza u l-implimentazzjoni bir-reqqa. B'mod partikolari, l-UE tinnota l-pjan tal-Moldova li timplimenta sistema elettronika ġdida tal-akkwist biex issaħħaħ it-trasparenza, l-effiċjenza, il-ġbir effettiv tad-data u l-monitoraġġ. L-UE tistieden lill-Moldova ssaħħaħ il-kapaċitajiet tal-awtoritajiet kontraenti kemm fil-livell ċentrali kif ukoll f'dak lokali permezz tal-Aġenzija tal-Akkwist Pubbliku biex tkompli ttejjeb il-funzjonament tas-sistema tal-akkwist pubbliku b'mod parallel mal-proċess ta' riforma tal-qafas leġiżlattiv tagħha, u biex tindirizza r-riskji ta' korruzzjoni minħabba l-vulnerabbiltà għolja f'dan is-settur.

L-UE tinnota l-livell għoli ta' allinjament tal-Moldova mal-acquis tal-UE dwar is-**sistema ta' rimedju**. L-UE tistieden lill-Moldova tirrevedi l-leġiżlazzjoni tagħha li tindirizza inkonsistenzi rigward il-limiti ta' żmien għall-preżentazzjoni tal-ilmenti u tallinja l-leġiżlazzjoni tagħha mal-acquis rigward is-sistema ta' rieżami fis-settur tal-utilitajiet. Barra minn hekk, l-UE tinnota li l-Moldova implimentat is-sistema elettronika trasparenti tagħha tal-ilmenti permezz tal-pjattaforma tal-Aġenzija Nazzjonali għas-Soluzzjoni tal-Ilmenti. L-UE tissottolinja li l-Moldova teħtieġ tiżgura l-interoperabbiltà tas-sistema ta' rieżami diġitalizzata tagħha b'mod parallel mal-modernizzazzjoni tas-sistema elettronika tagħha tal-akkwist. L-UE tinnota li s-sistema ta' rimedju tal-Moldova żżomm livell stabbli ta' prestazzjoni u deċiżjonijiet ta' kwalità dwar l-ilmenti preżentati.

## 7. Kapitolu 18 - Statistika

L-UE tinnota li l-**infrastruttura tal-istatistika** tal-Moldova hija parzjalment konformi mal-acquis tal-UE. L-UE tinnota l-impenn tal-Moldova li tkompli talloka riżorsi finanzjarji u umani adegwati għas-settur tal-istatistika sabiex jinkiseb allinjament sħiħ mal-acquis tal-UE.

L-UE tinnota l-pjan tal-Moldova li timplimenta l-Istrateġija ta' Żvilupp 2023-2030 għas-Sistema Nazzjonali tal-Istatistika (NSS) u l-Programm għall-Iżvilupp tal-NSS 2023-2026.

L-UE tinnota l-impenn tal-Moldova li tistabbilixxi grupp ta' ħidma interistituzzjonali u Memoranda ta' qbil bejn l-istituzzjonijiet biex jiġu delineati aħjar ir-responsabbiltajiet tal-istituzzjonijiet rilevanti għall-produzzjoni ta' ċerta statistika ġdida.

L-UE tinnota li l-Moldova implimentat il-**klassifikazzjonijiet ewlenin tal-UE** bi gradi differenti ta' konformità mal-acquis. L-UE tinnota l-impenn tal-Moldova li tiżgura l-ħidma ulterjuri meħtieġa dwar ir-reġistri tal-istatistika biex tiżgura konformità sħiħa mal-acquis tal-UE.

L-UE tissottolinja l-allinjament parzjali tal-Moldova mal-acquis tal-UE dwar **l-istatistika**, b'ħidma sostanzjali 'l quddiem fl-oqsma kollha. L-UE tistieden lill-Moldova tagħmel aktar progress fl-oqsma statistiċi kollha sabiex tilħaq allinjament sħiħ.

## **8. Kapitolu 32 - Kontroll finanzjarju**

L-UE tinnota li l-Moldova hija parzjalment allinjata mal-acquis tal-UE rigward il-**kontroll intern tal-finanzi pubbliċi** u li l-qafas leġiżlattiv tal-Moldova huwa ġeneralment allinjat mal-istandards tal-UE. L-UE tissottolinja li l-implimentazzjoni effettiva tal-kontroll intern għandha tittiejeb, b'mod partikolari fir-rigward tal-irfiġh tar-responsabbiltà maniġerjali delegat u l-ġestjoni tar-riskju. L-UE tissottolinja wkoll li l-kapaċitajiet tar-riżorsi umani ta' funzjoni tal-awditjar intern għandhom jissaħħu b'mod sinifikanti, u l-proċessi tal-ippjanar tal-awditjar intern jeħtieġ jittejjbu biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-funzjoni tal-awditjar intern.

L-UE tistieden lill-Moldova ssaħħaħ l-impatt tal-**funzjonijiet tal-awditu** intern u estern biex tikkonforma bis-sħiħ mal-istandards u l-prinċipji professjonali tal-UE.

L-UE tistieden lill-Moldova tibdel b'mod adegwat il-qafas leġiżlattiv tagħha biex tindirizza **l-indipendenza u l-istatus tal-Qorti tal-Kontijiet**, f'konformità mal-istandards internazzjonali.

L-UE tistieden lill-Moldova tallinja bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha mad-direttiva tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw **l-interessi finanzjarji tal-UE**, permezz tal-liġi kriminali.

L-UE tistieden lill-Moldova tistabbilixxi formalment u ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti dwar il-**protezzjoni tal-euro kontra l-kontrafazzjoni**.

\* \* \*

Fid-dawl tal-istat attwali tat-tnejn tal-Moldova, l-UE tinnotta li bil-fehim li l-Moldova għandha tkompli tagħmel progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u fl-implimentazzjoni tiegħu u mal-istandards Ewropej rilevanti koperti mill-ġabra 1, jeħtieġ li jintlaħqu l-punti ta' riferiment interim li ġejjin:

- fuq livell orizzontali għall-ewwel ġabra l-Moldova tiżgura monitoraġġ mill-qrib u permanenti tal-implimentazzjoni sostnuta tal-pjanijiet direzzjonali dwar l-istat tad-dritt, ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u l-funzjonament tal-istituzzjonijiet demokratiċi permezz ta' mekkaniżmu ta' sorveljanza robust u multidixxiplinari, b'attenzjoni partikolari għall-adeqwatezza tar-riżorsi umani u finanzjarji, il-kapaċità istituzzjonali, ir-rispett tal-iskadenzi stabbiliti, u djalogu attiv u sinifikanti mas-soċjetà ċivili.

### **Kapitolu 23 - Ġudikatura u drittijiet fundamentali**

**Il-Moldova tkompli timplimenta r-riforma komprensiva tagħha tal-ġustizzja, permezz ta' titjib fl-imparzjalità, l-indipendenza, l-irfiġh tar-responsabbiltà, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja f'konformità mal-acquis tal-UE u l-istandards Ewropej. B'mod partikolari, il-Moldova ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment interim ladarba tkun:**

- Saħħet aktar il-kapaċità, il-kwalità, it-trasparenza, l-effettività u l-indipendenza strutturali tal-korpi ta' awtogovernanza ġudizzjarji u tal-prosekuzzjoni tal-ġudikatura, il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura u l-Kunsill Superjuri tal-Prosekuturi u l-kulleġġi speċjalizzati tagħhom, inkluż l-allokkazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti; u għamlet progress tanġibbli fl-implimentazzjoni tal-mapep ġudizzjarji u tal-prosekuzzjoni;

- Saħħet l-indipendenza strutturali u l-irfigħ tar-responsabbiltà sostnut tas-servizzi tal-ġudikatura u tal-prosekuzzjoni, b'mod partikolari billi tagħmel progress sinifikanti lejn it-tlestija tal-*proċess* ta' skrutinju u rfigħ tar-responsabbiltà u integrità sostnuti tas-sistema ġudizzjarja fil-livelli kollha wara l-iskrutinju, f'konformità mal-istandards Ewropej, inkluż permezz ta' *proċess* dixxiplinari mtejjeb, u aktar awtonomija operazzjonali u integrità strutturali fis-servizz tal-prosekuzzjoni;
- Tejjbet il-kwalità tal-ġustizzja, inkluż billi tiżgura riżorsi finanzjarji u umani suffiċjenti għall-ġudikatura u s-servizzi tal-prosekuzzjoni, u hekk tnaqqas b'mod sinifikanti l-postijiet vakanti fis-settur tal-ġustizzja, timplimenta r-riforma tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja, u ssaħħaħ il-funzjonament tal-Istitut Nazzjonali tal-Ġustizzja;
- Tejjbet l-effiċjenza tal-ġudikatura, inkluż billi ttejjeb ir-rati tal-ikklijar u ż-żmien ta' *disponiment* li jwasslu għal tnaqqis sostnut tal-akkumulu ta' kawżi, proċedura mtejjba tal-Qorti Kostituzzjonali, użu akbar ta' mekkaniżmi alternattivi għas-soluzzjoni ta' tilwim, għajjnuna legali mtejjba, rati ogħla ta' infurzar, u titjib fid-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-ġustizzja.

## **Il-Moldova tagħmel aktar progress sinifikanti fl-indirizzar u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni.**

### **B'mod partikolari, il-Moldova ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment interim ladarba tkun:**

- Implimentat b'mod konsistenti l-qafas legali u strateġiku kontra l-korruzzjoni f'konformità mal-istandards Ewropej u internazzjonali, inkluż ir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-GRECO, l-OSKE-ODIHR u l-OECD, b'koordinazzjoni, ibbaġitjar, monitoraġġ u evalwazzjoni effettivi;
- Tejjbet b'mod sinifikanti l-indipendenza, l-effettività, il-koordinazzjoni u l-kapaċità operazzjonali tal-istituzzjonijiet speċjalizzati kontra l-korruzzjoni kif ukoll ta' istituzzjonijiet rilevanti oħra responsabbli għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni;

- Saħħet l-effiċjenza tal-qafas għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni, inkluż l-allinjament gradwali mal-acquis tal-UE, bħall-protezzjoni tal-informaturi, u t-tiżni tal-verifika tad-dikjarazzjoni tal-assi.
- Għamlet progress tanġibbli lejn il-kisba ta' rekord solidu ta' investigazzjonijiet, *prosekuzzjonijiet* u kundanni f'każijiet ta' korruzzjoni, b'mod partikolari kundanni finali f'livell għoli, u żiedet l-għadd u l-valur ġenerali tal-assi maqbuda, iffriżati u kkonfiskati;
- Tejbet l-integrazzjoni tal-miżuri tanġibbli tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni permezz ta' *valutazzjonijiet* tar-riskju u miżuri ta' integrità sistemiċi fis-setturi l-aktar vulnerabbli għall-korruzzjoni.

**Il-Moldova tkompli ssaħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-prattika. B'mod partikolari, il-Moldova ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment interim ladarba tkun:**

- Saħħet l-implimentazzjoni tal-qafas legali u ta' politika għad-drittijiet fundamentali u l-infurzar *tagħhom* fil-prattika, b'mod partikolari billi żżid l-implimentazzjoni tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u ssaħħaħ il-kapaċità ta' istituzzjonijiet indipendenti tad-drittijiet fundamentali, inkluż il-Kunsill tal-Ugwaljanza u l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Poplu;
- Komplet ir-riforma tal-ħabs u d-detenzjoni, inkluż titjib fil-kundizzjonijiet u segwitu għal każijiet ta' trattament ħażin;
- Tejbet il-libertà ta' assoċjazzjoni u ta' espressjoni, inkluż il-libertà u l-pluraliżmu tal-media permezz tat-tiżni tal-indipendenza u tal-kapaċità istituzzjonali tal-media tas-servizz pubbliku u qafas għall-monitoraġġ tal-attività tagħhom, kif ukoll billi tiżgura t-trasparenza tas-sjeda tal-media f'konformità mal-istandards internazzjonali u tal-UE;

- Għamlet aktar progress lejn l-allinjament leġiżlattiv tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-acquis tal-UE dwar l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, ir-reati ta' mibegħda u d-diskors ta' mibegħda, id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, id-drittijiet *proċedurali* tal-persuni suspettati u dawk akkużati fi proċedimenti kriminali u d-drittijiet tal-vittmi, tejbet il-ġbir tad-data, u żgurat servizzi ta' appoġġ speċjalizzati għall-vittmi tal-kriminalità, u żgurat kapaċitajiet imsaħħa taċ-Ċentru Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data;
- Għamlet progress lejn l-istabbiliment ta' sistema integrata għall-protezzjoni tat-tfal u lejn l-*allinjament* mal-acquis tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal, għamlet progress lejn id-deistituzzjonalizzazzjoni tat-tfal barra mill-kura tal-ġenituri u tal-persuni b'diżabilità;

## **Kapitolu 24 - Ġustizzja, libertà u sigurtà**

### **Il-Moldova tagħmel progress tanġibbli fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. B'mod partikolari, il-Moldova ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment interim ladarba tkun:**

- Allinjat ruħha aktar mal-acquis tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, inkluż dwar l-investigazzjoni u l-kriminalizzazzjoni tal-ħasil tal-flus, kif ukoll l-irkupru u l-konfiska tal-assi.
- Għamlet progress *tanġibbli* biex turi rekord solidu ta' investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet, u kundanni finali fl-oqsma kollha tal-kriminalità serja u organizzata (inkluż it-traffikar tal-bnedmin u l-abbuż sesswali tat-tfal, iċ-ċiberkriminalità, it-traffikar tal-armi, il-produzzjoni tad-droga, it-traffikar u l-ħasil tal-flus, u l-ġlieda kontra t-terroriżmu).

- Uriet prattika kredibbli u konsistenti ta' tnedija ta' investigazzjonijiet finanzjarji sistematiċi fit-trattament tal-kriminalità serja u organizzata, inkluż il-*ħasil* tal-flus.
- Għamlet progress *tanġibbli* fil-kisba ta' rekord solidu fis-sekwestru u l-konfiska finali ta' assi u tejbet is-sistema tagħha tal-irkupru tal-assi;
- Għamlet progress sostanzjali fiż-żarmar ta' networks tat-traffikar tal-bnedmin u t-*traffikar* ta' armi tan-nar, inkluż billi tibda tħaddem il-Punt Fokali Nazzjonali dwar l-Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir.
- Saħħet il-qafas istituzzjonali tagħha, b'mod partikolari billi tiddefinixxi b'mod aktar ċar is-setgħat u l-funzjonijiet tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi, u ttejjeb l-indipendenza u l-integrità tagħhom, il-kapaċitajiet operazzjonali, analitiċi u tal-IT u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji.
- *Saħħet* il-kapaċità amministrattiva biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-UE dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja, f'materji kriminali, ċivili u kummerċjali u biex tiżgura kooperazzjoni effettiva mal-Eurojust, u l-UPPE.

**Il-Moldova ssaħħaħ l-isforzi tagħha għal kooperazzjoni fil-qasam tad-drogi. B'mod partikolari, il-Moldova ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment interim ladarba tkun:**

- Stabbiliet Sistema Nazzjonali ta' Twissija Bikrija li tiffunzjona u li jkollha biżżejjed riżorsi, *saħħet* l-Osservatorju Nazzjonali dwar id-Drogi, u allinjat il-leġiżlazzjoni tagħha mal-acquis tal-UE rigward id-drogi u l-prekursuri tad-droga.
- Għamlet progress *tanġibbli* lejn il-kisba ta' rekord solidu ta' qbid ta' drogi, u ta' *qerda* u konfiska ta' assi korrispondenti.

**Il-Moldova tagħti riżultati fl-oqsma tal-migrazzjoni legali u irregolari, u l-ażil, u dwar kwistjonijiet relatati mal-acquis ta' Schengen u l-fruntieri esterni u l-politika dwar il-viżi.**

**B'mod partikolari, il-Moldova ser tissodisfa dan il-punt ta' riferiment interim ladarba tkun:**

- Tejbet l-allinjament mal-acquis tal-UE rigward il-migrazzjoni, l-ażil, il-politika dwar il-viżi u l-ġestjoni tal-fruntieri, inkluż aktar allinjament mal-metodoloġija Ewropea tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri.
- Tejbet il-kapaċitajiet istituzzjonali tagħha, il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni fost l-awtoritajiet involuti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-fruntieri u l-ażil, aġġornat il-pjan tagħha biex tiġġestixxi żieda fil-flussi migratorji mħallta, u saħħet il-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti.
- *Tejbet is-sistema tal-ażil tagħha, inkluż permezz tas-servizzi meħtieġa offruti mill-istat lil dawk li jfittxu l-ażil.*

\* \*

Fid-dawl tal-istat attwali tat-tnejjijiet tal-Moldova, u soġġett għall-ilħuq tal-punti ta' riferiment interim mill-Moldova, orizentalment u rigward il-kapitoli dwar l-istat tad-dritt, l-UE tinnota li, bil-fehim li l-Moldova għandha tkompli tagħmel progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u fl-implimentazzjoni tiegħu kopert mill-kapitoli li ġejjin, u mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe kundizzjoni addizzjonali stabbilita fil-punti ta' riferiment ulterjuri definiti għall-ewwel Ġabra, dawn il-kapitoli jistgħu jingħalqu proviżorjament biss ladarba l-UE tkun qablet li jkunu ntlaħqu l-punti ta' riferiment li ġejjin:

## **Kapitolu 5 - Akkwist pubbliku**

Il-Moldova tallinja bis-sħiħ il-qafas legali nazzjonali tagħha mal-acquis tal-UE fir-rigward tal-oqsma kollha tal-akkwist pubbliku, inkluż ukoll il-konċessjonijiet, is-sħubijiet pubbliċi-privati, u l-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża, u l-ftehimiet internazzjonali li jeżentaw ċertu akkwist mir-regoli tal-akkwist pubbliku, f'konformità mal-acquis tal-UE;

Il-Moldova tistabilixxi kapaċità amministrattiva u istituzzjonali adatta fil-livelli kollha u tiegħu miżuri adegwati sabiex tiżgura l-implimentazzjoni u l-infurzar adatti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali f'dan il-qasam, kif ukoll għodod ta' implimentazzjoni u ta' monitoraġġ, fi żmien adegwat qabel l-adeżjoni. B'mod partikolari, dan jinkludi:

- it-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' kontroll u awditjar u t-titjib tat-trasparenza għall-fażi tal-eżekuzzjoni tal-kuntratti pubbliċi abbażi ta' valutazzjonijiet tar-riskju sistematiċi bil-prijoritizzazzjoni tal-kontrolli f'setturi u proċeduri vulnerabbli;
- il-funzjonament effettiv tas-sistema ta' rimedji, inkluż fil-qasam tal-konċessjonijiet, tas-sħubiji pubbliċi-privati u tal-akkwist pubbliku fil-qasam tad-difiża;
- miżuri/azzjonijiet relatati mal-prevenzjoni, u l-ġlieda kontra, il-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interess fil-qasam tal-akkwist pubbliku kemm fil-livell ċentrali kif ukoll dak lokali.

Il-Moldova turi rekord solidu ta' sistema ġusta u trasparenti tal-akkwist pubbliku, li tipprovdi użu effiċjenti, effettiv u ta' benefiċċju ekonomiku tar-riżorsi pubbliċi, kompetizzjoni u salvagwardji b'saħħithom kontra l-korruzzjoni.

## **Kapitolu 18 - Statistika**

Il-Moldova tippreżenta data ewlenija tal-makroekonomija (kontijiet nazzjonali u SFG /PDE) f'konformità mal-metodoloġija tas-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA) fis-seħħ, kif ukoll il-programm ta' trażmissjoni relatat tal-ESA, ir-rekwiżiti ta' notifika tal-ING u tal-PDE u rekwiżiti rilevanti oħra flimkien mad-deskrizzjoni dettaljata meħtieġa tal-metodoloġija użata u l-Eurostat ikun diġà vverifika d-data u d-deskrizzjonijiet preżentati u jkun diġà kkonferma l-allinjament xieraq mar-regoli tal-UE fir-rigward tal-puntwalità, il-kompletezza, il-koerenza, it-trasparenza u l-akkuratezza;

Il-Moldova tadotta pjan direzzjonali għal: (i) l-għeluq ta' kwalunkwe lakuna li jifdal fit-tabelli kollha tal-ESA, (ii) it-trażmissjoni tat-tabelli li jifdal mill-Programm ta' Trażmissjoni tal-ESA, (iii) l-għeluq tal-lakuni li jifdal fl-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta flimkien mat-tabelli tal-PDE, u (iv) l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe kwistjoni metodoloġika li jifdal. L-Eurostat jikkonferma r-rilevanza tal-pjan direzzjonali.

## **Kapitolu 32 - Kontroll finanzjarju**

Il-Moldova tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kontroll intern tal-finanzi pubbliċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-irfiġh tar-responsabbiltà maniġerjali delegat u l-ġestjoni tar-riskju. Il-kapaċitajiet amministrattivi tal-funzjoni tal-awditu intern ikunu msaħħa. Il-proċessi tal-ippjanar tal-awditu intern jissodisfaw l-istandards internazzjonali relatati mal-funzjoni tal-awditu.

Il-Qorti tal-Kontijiet tal-Moldova tikkonforma mal-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar (INTOSAI). B'mod partikolari, il-qafas legali tal-Moldova jindirizza b'mod adegwat l-indipendenza u l-istatus tal-Qorti tal-Kontijiet.

Il-Moldova tkun allinjat il-leġiżlazzjoni tagħha mal-acquis tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-frodi u kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Il-Moldova jkollha stabbilit Servizz ta' Koordinazzjoni Kontra l-Frodi (AFCOS) funzjonali u effiċjenti u network korrispondenti. Il-Moldova timplimenta Strateġija Nazzjonali effiċjenti Kontra l-Frodi għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Il-Moldova jkollha rekord solidu fir-rigward tal-kooperazzjoni mal-Kummissjoni, l-OLAF u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE), dwar l-irregolaritajiet irrappurtati u l-każijiet ta' investigazzjoni li jinvolvu l-fondi tal-UE.

Il-Moldova tkun allinjat il-leġiżlazzjoni tagħha mal-acquis tal-UE dwar l-awtentikazzjoni tal-muniti tal-euro u stabbiliet l-istrutturi xierqa u saħħet il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

\* \*

Il-monitoraġġ tal-progress fl-allinjament mal-acquis tal-UE u l-implimentazzjoni tiegħu u l-istandards Ewropej rilevanti ser ikompli matul in-negozjati. L-UE tissottolinja li ser tagħti attenzjoni partikolari lill-monitoraġġ tal-kwistjonijiet speċifiċi kollha msemmijin hawn fuq bil-ħsieb li tiżgura l-kapaċità amministrattiva tal-Moldova, il-kapaċità tagħha li tlesti l-allinjament legali fis-setturi kollha taħt din il-ġabra, kif ukoll progress ulterjuri fl-implimentazzjoni u l-infurzar. Jeħtieġ li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari r-rabtiet bejn din il-ġabra u ġabriet oħra ta' negozjar. Valutazzjoni finali tal-konformità tal-leġiżlazzjoni tal-Moldova mal-acquis tal-UE u mal-istandards Ewropej rilevanti kif ukoll tal-kapaċità ta' implimentazzjoni tagħha tista' ssir biss fi stadju aktar tard tan-negozjati. Minbarra l-informazzjoni kollha li l-UE tista' tirrikjedi għan-negozjati f'din il-ġabra u li għandha tiġi pprovduta lill-Konferenza, l-UE tistieden lill-Moldova biex tipprovdi regolarment informazzjoni dettaljata bil-miktub dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-acquis lill-Kunsill ta' Assoċjazzjoni.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha ta' hawn fuq, il-Konferenza ser ikollha terġa' lura għal din il-ġabra f'mument xieraq.

Barra minn hekk, l-UE tfakkar li jista' jkun hemm acquis ġdid tal-UE bejn it-3 ta' Ġunju 2026 u l-konklużjoni tan-negozjati.

---